MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 740/2006

**Josephine Cilia (ID 291034 M)**

**Vs**

**Elaine Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta` Awissu, 2006, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lil-attrici s-somma ta' elf lira maltija ekwivalenti ghal elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Euro 2,329.37c) gia` elf lira maltija (Lm1,000) jew somma verjuri likwidata minn dan it-Tribunal rapprezentanti self *brevi manu* li sar mill-attrici lill-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 26 ta` Gunju, 2006 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 30 ta` Novembru, 2006, fejn ikkontestat it-talba attrici billi allegat (1) l-intempestivita` ta` l-azzjoni odjerna stante li hija kellha trodd lura l-ammont lilha misluf meta tkun tista` u attwalment ma hiex f'qaghdha li thallas lura l-bilanc mitlub; (2) Ma ghandu jithallas ebda imghax stante li ma kienx pattwit (3) saret ukoll riserva ghal prezentata ta` risposti ulterjuri (4) Illi sejra titressaq kontro talba ghal servigi prestati mill-konvenuta lill-attrici bejn ix-xhur ta` Marzu, 2005 sa Ottubru, 2005.

Fil-kontro-talba taghha fil-fatt il-konvenuta talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara li hija ntitolata ghal servigi rezi sabiex jillikwida l-istess servigi u kif ukoll sabiex l-attrici tigi kkundannata thallas lill-konvenuta l-ammont hekk kif likwidat.

Ra r-risposta ta` l-attrici ghal kontro-talba tal-konvenuta fejn ikkontestat l-istess in vista ta` fatt li l-konvenuta ma pprestat ebda servigi lill-attrici fil-qasir zmien li raqdet ghandha.  Saret ukoll riserva ghal prezentata ta` risposti ulterjuri.

Ezamina l-provi migjuba mill-partijiet inkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami hemm zewg punti saljenti ta` divergenza li ghandhom jigu trattati u decizi stante li ftit li xejn hemm kontestazzjoni serja dwar il-parti l-kbira tal-fatti. Fil-fatt iz-zewg nahat jaqblu li fadal bilanc ta` elf lira maltija x’tithallas mis-somma mislufa mill-attrici favur il-konvenuta u kif ukoll jaqblu fuq il-fatt li l-konvenuta ghamlet xi xhur torqod ghand nannitha u li kienet

taghmlilha xi facendi zghar. Id-divergenza bejniethom fil-kaz tat-talba principali hija wahda ta` natura legali u cioe` l-intempestivita ta` l-azzjoni u l-fatt li ma kien gie pattwit ebda hlas ta` imghax fuq is-somma mislufa. Mill-banda l-ohra il-kwistjoni fuq il-kontro-talba hija ndirizzata fuq l-entita` tas-servigi prestati. L-attrici addirittura tallega li ma gew prestati lilha ebda servigi ghalkemm taccetta li n-neputija ghamlet xi xhur torqod ghandha.

In kontro-ezami l-attrici tafferma li hija kienet silfitha s-somma ta` Lm2,000 bil-kundizzjoni li dawn jintraddu lura *"minghajr imghax"* u *"bil-mod kif tkun tista` hi".* Illi ghalhekk tenut kont ta` dawn iz-zewg kundizzjonijiet pattwiti ghandu jinghad li fl-ewwel lok jidher li l-konvenuta kellha ragun tressaq it-tieni eccezzjoni taghha. Tali eccezzjoni hija sostnuta wkoll permezz ta` l-artikolu 1849, Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi dan l-istess artikolu jista` jitqies ukoll applikabbli ghall-ewwel eccezzjoni sollevata dwar l-intempestivita` ta` l-azzjoni odjerna in vista tal-fatt li l-ligi tistipula li ghandha tkun il-Qorti li tiffissa z-zmien tar-restituzzjoni f'kaz li tali terminu ma giex pattwit bejn il-partijiet bhal ma jidher li gara fil-kaz odjern. Illi ghalkemm jidher ghalhekk li l-konvenuta tista` tkun legalment gustifikata fl-ewwel eccezzjoni taghha u kwindi jirrespingi t-talba attrici fuq tali formalita`, t-Tribunal pero` ghandu l-Awtorita` li jiddeciedi wkoll il-kazijiet ta` quddiemha fuq bazi ta` ekwita` apparti l-fatt li jista` jasal biex jiddeciedi finalment fuq oggett li ma kienx precizament kif formolat originarjament fl-att promotur u din il-fakolta` msemmija temani mill-artikolu 213, Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Illi ghalhekk f'dan id-dawl huwa ser ighaddi aktar 'il quddiem sabiex jikkundanna lill-konvenuta l-bilanc talvolta li ser jigi likwidat bhala r-rimanenti bilanc tas-self minnha mehud mill-attrici f'certu zmien li ser jigi stipulat minn dan it-Tribunal.

Illi fir-rigward tal-kontro-talba, certament irrizulta li l-konvenuta ghamlet certu numru ta` xhur torqod ghand in-nanna. Din ta` l-ahhar tafferma li raqdet ghandha ghal madwar xahrejn biss, u dana bi pjacir u ma ghamlet xejn aktar filwaqt li l-konvenuta tafferma li hija raqdet ghand l-

attrici bejn Marzu sa Ottubru, 2005 cioe` bejn seba sa tmien xhur u li wkoll kienet taqdiha b'xi facendi zghar bhal per ezempju tahslilha l-art nhar ta` Sibt. Il-probabbilita` hi li l-verita` tinsab fin-nofs. Huwa pacifiku pero` li l-konvenuta kienet tmur ghand in-nanna ta` fil-ghaxija biss biex torqod hemm u sservi bhala speci ta` wens ghan-nanniet ghal dak kollu li seta` jinqala ta` bil-lejl. Il-konvenuta stess tistqarr li matul il-gurnata kollha ma kinietx tkun hemm, jew l-iskola jew ix-xoghol u f'nofs in-nhar kienet tiekol ghand ommha. Kienet tmur ghand in-nanna ghal habta tat-8.30pm u tohrog barra ghax-xoghol fis-7.00 am. Jirrizulta wkoll li ghalkemm in-nanniet kienu anzjani, ma kellhomx bzonn xi tip ta` attenzjoni jew assistenza partikolari. Fil-fatt kemm qabel kif ukoll wara li l-konvenuta kienet torqod ghandhom ebda qraba ohra ma kienu marru jassistu lill-attrici u lil zewgha sahansitra sakemm wasal biex miet zewg l-attrici. Illi ghalhekk fil-kalkolu tas-servigi prestati mill-konvenuta fit-tmien xhur circa li damet ghand in-nanna wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha fuq esposti. Ma hemmx dubbju li l-konvenuta fil-fatt ipprestat forma ta` assistenza lin-nanniet anke jekk kienet wahda purament ta` semplici wens pero` mill-banda l-ohra rrizulta minnu wkoll li apparti din il-forma ta` wens, il-konvenuta ftit li xejn ghamlet aktar man-nanniet taghha. Illi jinghad ukoll li jirrizulta li l-konvenuta kien ipprestat din l-assistenza bil-ghan li tigi kkumpensata. Fil-fatt l-istess attrici tafferma li l-konvenuta kienet gieli semmitielha diskors fis-sens li l-konvenuta kienet qed tippretendi vettura minghandha jew li taghtiha b'ghotja somma ta` flus sabiex tghinha biex tixtri vettura. Fl-ahhar minn l-ahhar pero` minflok vettura jew ghotja ta` flus, l-attrici kienet tatha somma flus bi ftehim li r-ripagament isir meta tkun tista` u minghajr imghax. Ghandu jinghad li tali self kif pattwit b'kondizzjonijiet vantaggjuzi ghall-konvenuta jista` per se` jigi kkunsidrat bhala forma ta` hlas lura in parte ghas-servigi lilha rezi. Illi madankollu t-Tribunal jemmen li l-konvenuta ghandha tinghata wkoll kumpens monetarju ulterjuri ghax-xhur kemm damet torqod ghand in-nanniet taghha anke jekk fl-aghar ipotesi din serviet biss bhala forma ta` wens ghalihom. Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jillikwida *arbitrio*

*buon viri* l-ammont ta` elf u mitt euro bhala kumpens xieraq ghas-servigi prestati mill-konvenuta lill-attrici.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jacta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq it-talba ta` l-attrici qed jilqa` l-istess fis-sens pero` li qed jikkundanna lill-konvenuta trodd lura l-bilanc tas-somma minnha mislufa fl-ammont rikjest ta` Euro 2,329.37c lill-attrici f'terminu ta` tnax il-xahar li jibdew ighaddu mid-data meta din is-sentenza ssir *res judicata* minghajr imghax filwaqt ghar-rigward il-kontro-talba sollevata mill-konvenuta, qieghed jilqa` l-istess billi jillikwida l-valur tas-servigi prestati fl-ammont ta` Euro 1,100 u kwindi jikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenuta l-ammont hekk likwidat f'terminu ta` tnax il-xahar dekorribbli mid-data meta din is-sentenza ssir *res judicata* minghajr imghax. Inoltre t-Tribunal jordna li l-ispejjez ta` din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------